KUNSILL LOKALI SANTA VENERA

Triq il-Kbira San Gużepp

Santa Venera SVR 1013

Tel: 21491030 Fax: 21491664
indirizze: santavenera.lc@gov.mt
Sit elettroniku: http://www.stvenera.lc.gov.mt

**19/19**

**Id-dsatax (19) -il laqgħa tal-Kunsill Lokali Santa Venera li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv, nhar it-Tnejn 16 ta' Diċembru, 2013 fil-6.30 ta' filgħaxija**

| | | | |
|---|---|---|---|
| **Preżenti:** | Is-Sur Stephen Sultana | - | Sindku |
| | Is-Sur Jonathan Brimmer | - | Viċi Sindku |
| | Is-Sur Silvio Vella | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Jason Mangani | - | Kunsillier |
| | Is-Sinj. Elizabeth Vella | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Horace J. Anastasi | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Darren Carabott | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Ranier Busuttil | - | Aġent Segretarju Eżekuttiv |
| **Skużat:** | Is-Sur Gianluca Degabriele | - | Ambaxxatur taż-Żgħażagħ |

Aġenda:

1. Talba
2. Qari u approvazzjoni tal-minuti 18/19
3. Affarijiet li jitqajjmu mill-minuti
4. Korrispondenza
5. Skeda ta' pagamenti: Approvazzjoni
6. Ilmenti
7. Ordnijiet tal-Ġurnata
   (a) Skema ta' Ġbir ta' Skart tal-ippakkeġġjar
8. Minuti ta' Kumitati / Sotto Kumitati
9. Komunikazzjoni mis-Sindku
10. Aġġornament

1 Il-laqgħa bdiet fis-6.35 ta' filgħaxija.

2. *Qari u Approvazzjoni tal-Minuti*

2.1 Il-Minuti 18/19 ttieħdu bħala moqrija

2.2 Korrezzjoni tal-Minuti 18/19
2.2.1 Minuta 3.2 – jiżdiedu l-kelmiet "il-Kunsillier" quddiem "is-Sur Silvio Vella".
2.2.2 Minuta 3.4 – Flok "jillumina" tiġi "idawwal".
2.2.3 Minuta 4.4 – Flok "*sessions*" tiġi "sessjonijiet"
2.2.4 Minuta 7(b) – Flok "Quartely" tiġi "Quarterly"
2.2.5 Minuta 9.1 – Tinqata "persuna"

2.3 Approvazzjoni tal-Minuti

2.3.1 Il-Minuti ġew approvati unanimament wara li ġew ikkoreġuti.

3 *Affarijiet li jitqajjmu mil-minuti*

3.1 Minuta 3.3 Is-Sindku qal li l-attivita` ta' *Clean up Santa Venera* saret b'suċċess u ħa ħsiebha l-Kunsillier is-Sur Silvio Vella. In-naħa ta' triq Abela ġiet imnaddfa kollha u sar użu ukoll minn gaffa żgħira.

3.2 Minuta 3.4 – Is-Sindku qal li l-istatwa tal-proġett ta' Misraħ Santa Venera għadha mhux lesta u din mhux ser tkun lesta qabel is-sena 2015. Is-Sur Sultana qal li l-bust huwa lest diġa u jidher sabiħ ħafna.

Fuq Misraħ Santa Venera wkoll is-Sindku qal li irċevejna il-garanzija bankarja mingħand Schembri Barbros fejn qegħdin jintrabtu li l-madum li mhux ta' kwalita` tajba jinbidel u jsir kif suppost. Rigward id-dawl tal-pedestall ġie miftiehem li jsir bl-istrixxi.

3.3 Minuta 3.5 – Il-Kunsillier is-Sinjura Elizabeth Vella qalet li wara li avviċinat lis-sidien tal-ħwienet ta' Triq il-Kbira San Ġużepp kien hemm biss tmienja li kienu mħajjra li jipparteċipaw u kienu lesti li joħorġu bejn €25 u €40. Kien hemm qbil li għas-sena d-dieħla dan il-proċess jibda minn Settembru.

3.4 Minuta 7(b) – Pjan ta' Ħidma – Is-Sindku qal li il-Pjan ta' Ħidma ġie ppreżentat fil-laqgħa tal-lokalita` pero jixtieq ukoll il-perspettiva tal-Kunsilliera. Għalhekk ġie maqbul li dan jiġi ċċirkulat sabiex kulħadd ikun jista jagħti l-opinjoni tiegħu.

3.5 Minuta 9.2 – Is-Sindku qal li irid isir ftehim mal-Kuntrattur biex jew iġib żewġ gwardjani lokali.

Is-Sindku qal li fi Triq il-Parata saret ħsara mil-kuntrattur tal-kostruzzjoni mill-BILOM. Is-Sinjura Elizabeth Vella qalet li saret ħsara wkoll fi Triq Ħal Qormi.

Issemma wkoll l-inkonvenjenza tat-trabijiet fejn it-trakkijiet ġieli lanqas ikunu mgħottija.

Wara diskussjoni fuq it-*traffic management* tal-akwata, kien hemm qbil sabiex issir laqgħa mar-residenti ta' Triq il-Parata, Triq il-Brunżar, Triq l-Inkwina, Triq in-Nagħal u Triq Emanuel Attard. Il-Kunsill qabel li jiċċirkola ittra lir-residenti sabiex ikunu infurmati direttament. Din il-laqgħa ser issir nhar il-21 ta' Jannar fis-6.30pm ġewwa l-bini tal-Kunsill.

Każ simili huwa it-*traffic management* ta' fejn Triq is-Soll u l-inħawi. Għalhekk ġie deċiż ukoll li ssir laqgħa mar-residenti tat-toroq Triq Omnibus, Triq il-Blata l-kaħla, Triq is-Soll u parti minn Misraħ il-Barrieri. Din il-laqgħa ġiet iffissata għall-24 ta' Jannar fis-6.30pm li għaliha jkun mistieden ukoll rappreżentant minn Trasport Malta.

Horace J. Anastasi ġie skużat għal - laqgħa

3.6 Minuta 9.3 – Is-Sindku qal li l-ikla tal-istaff tal-Kunsill ser issir in-Naxxar il-Mustang American Bistro fit-28 ta' Diċembru fis-1pm. Min ser jattendi importanti li jibbukkja sad-19 ta' Diċembru.

*4* ***Korrispondenza***

4.1 Is-Sindku qal li irċevejna minn għand tal-ID Cards sabiex nidentifikaw post fejn jista jsir it-tiġdid tal-ID Cards. Il-Kunsill qabel li isiru fil-Youth Hub u fl-iskola Primarja.

4.2 Is-Sindku informa lill-Kunsilliera li irċevejna it-tiġdid tal-*Group Health Policy* fejn ser tiswa €53 kull persuna. Min hu interessat li iġedded għandu jikkonferma sal-aħħar ta' Jannar.

4.3 Is-Sindku qal ukoll li irċevejna proposta tal-Assigurazzjoni tal-flus tal-Kunsill li tiswa €63 fis-sena. Kulħadd qabel li din issir.

*5* ***Skeda tal-pagamenti Approvazzjoni***

5.1 Il-Pagamenti ġew approvati unanimament.

*6* ***Ilmenti***

Il-Kunsill iddiskuta l-ilmenti li hemm pendenti fis-sistema minn numru 305 sa ilment numru 324. Id-deċiżjonijiet tagħhom huma dawn:

305 Lesta
306 Il-*Contracts Manager* qal li ma jistgħux isiru pero jistgħu jsiru s-sinjali sofor minflok
307 Koptasin
308 Trasport Malta
309 Ħaddiema Assenjati
310 Trasport Malta
311 Hemm korrispondenza mal-Joint Office
312 Jintbgħat contracts manager sabiex jittieħdu ritratti tal-ħsara.
313 Ħaddiema Assenjati
314 Koptasin
315 Inkellmu lil Contracts Manager sabiex jara x'hemm
316 Trasport Malta
317 Enemalta
318 Naraw fejn jista jsir – Ħaddiema Assenjati
319 Ħaddiema Assenjati
320 Ħaddiema Assenjati
321 Trasport Malta
322 Koptasin
323 Koptasin
324 Trasport Malta

**7 Ordnijiet tal-Ġurnata**

(a) Skema Skart Riċiklabbli

Is-Sindku qal l-iskema ta' riċiklaġġ li għandna fil-preżent ser tiskadi nhar il-11 ta' April 2014. Il-Kunsill għandu kuntratt mal-Green MT li b'permezz tiegħu suppost dan

irid jieħu ħsieb li inaddaf il-*Bring in Sites* darbtejn fil-ġimgħa u li iqassam il-boroż ta' riċiklaġġ lir-residenti b'xejn kull sitt xhur pero qiegħed jonqos milli jagħmel dan.

Il-*Bring in Sites* ta' Triq il-Kanun jinsabu mimlija u mhux imnaddfa u il-boroż suppost kellu jerġa iqassam lir-residenti f'Novembru ~~pero~~ għadu ma qassamhomx. Għalhekk fuq dawn in-nuqqasijiet liema nuqqasijiet huma meqjusa bħala gravi, il-Kunsill qabel unanimament li ninfurmaw lill-Green MT li il-Kuntratt ser jiġi tterminat fil-11 ta' April u ma jerġax jiġi jiġġedded.

L-iskema l-oħra hija dik tal-Green Pak li il-boroż jitqassmu kull 20 ġimgħa u li ssir ukoll ġabra tal-ħġieġ darba fix-xahar. Apparti dan jieħdu ħsieb li jnaddfu regolarment il-*Bring in Sites* u jintbgħat rapport kull tlett xhur bl-andament.

Għalhekk kien hemm qbil unanimu li il-Kunsill jidħol f'kuntratt mal-Green Pak appena jittermina il-Kuntratt mal-Green MT.

## 8. *Minuti ta' Kumitati / Sotto Kumitati*

8.1 Ma kienx hemm minuti ta' Kumitati u Sotto Kumitati.

## 9 *Kommunikazzjoni mis-Sindku*

9.1 Is-Sindku tkellem fuq il-proċess tal-għażla ta' Segetarju Eżekuttiv ġdid mal-Kunsill ta' Santa Venera. Hu informa lill-Kunsilliera li id-Dipartiment għaddielna set ta' linji ta' Gwida li kull kunsill irid jimxi magħhom biex jagħżel Segretarju Eżekuttiv.

Is-Sindku qal li fost dawn il-Linji ta' Gwida hemm li il-Bord tal-Għażla irid ikun kompost minn mhux inqas minn tlett membri, inkluż iċ-*Chairperson* u mhux iktar minn ħames membri, inluż iċ-*Chairperson.* Fuq dan il-punt is-Sindku qal li kellu jinforma lill-Bord tal-Għażla eżistenti b'dan u jitlob lil membri biex jirreżenjaw tnejn minnhom sabiex inkunu skont dawn il-Linji ta' Gwida. Minn dan il-Bord irreżenjaw is-Sur Lawrence Aquilina u s-Sur Martin Pace biex issa ġie kompost mis-Sur Stephen Sultana bħala *Chairman* u s-Sur Jonathan Brimmer, s-Sinjura Elizabeth Vella, s-Sur Anthony Azzopardi u s-Sur Edwin Cassar bħala membri.

Is-Sindku informa lil Kunsilliera li l-applikazzjonijiet kienu ser jagħlqu għada.

9.2 Is-Sindku ippropona li jiġi ffurmat Kumitat t'Azzjoni li il-membri ikunu rappreżentant minn kull għaqda ta' Santa Venera u li bħala *Chairman* ikun is-Sindku. Kulħadd qabel ma' din il-proposta u għalhekk ser niktbu uffiċjalment lil kull għaqda biex naraw il-konkorrenza. Min ma jiktibx lura ikun ikkunsidrat li ~~ma~~ mhuwiex interessat.

9.3 Is-Sindku qal li kellna żewġ kwotazzjonijiet li kienu tal-Live Streaming u tal-lampi tal-Palazz l-Aħmar. Fuq l-ewwel kwotazzjoni ma ġabarha ħadd filwaqt li tal-lampi tal-Palazz l-Aħmar inġabret waħda biss u ikkwota il-Mica Med.

Il-Kwotazzjoni tal-Mica Med ġiet approvata unanimament.

9.4 Is-Sindku qal li rigward it-tender li kellna fuq in-numerar tal-lampi il-Mica Med qabel li jtinagħsnin garanzija fuq l-istainless steel u għalhekk sar qbil li dawn isiru wara li titwaħħal sample.

### *10 Aġġornament*

10.1 L-aġġornament tal-laqgħa ġie iffissat għal nhar it-Tnejn 20 ta' Jannar, 2014 fis-6.30pm b'aġenda li tkun ikkomunikata aktar tard.

10.2 Il-laqgħa intemmet fid-9.15pm.

Stephen Sultana
Sindku

Ranier Busuttil
Aġent Segretarju Ezekuttiv

Ikkonfermati llum, 20/01/2014........